**Komunikat għall-Istampa 25.10.13**

**Jibda jiltaqa' l-Kumitat Magħżul tal-Kamra dwar it-twaqqif ta' Uffiċċju ta' Kummissarju u ta' Kumitat Permanenti dwar l-istandards, l-etika u l-imġiba xierqa fil-ħajja pubblika.**

Fis-16 ta' Ottubru 2013 il-Kamra unanimament approvat mozzjoni biex jinħatar Kumitat Magħżul bil-mandat li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Parlament dwar it-twaqqif ta' Uffiċċju ta' Kummissarju u ta' Kumitat Permanenti dwar l-istandards, l-etika u l-imġiba xierqa fil-ħajja pubblika.

Dan il-Kumitat Magħżul iltaqa' għall-ewwel darba llum 25 ta' Ottubru fil-5.00 p.m. Il-laqgħa kienet ippreseduta mill-iSpeaker u bħala Membri pparteċipaw il-Ministru għall-Affarijiet Barranin l-Onor George Vella, l-Onor Carmelo Abela bħala sostitut tal-Onor Justyne Caruana, l-Onor. Francis Zammit Dimech u l-Onor Ryan Callus.

F'din l-ewwel laqgħa l-Kumitat qabel dwar liema proċedura għandha tintuża mill-Kumitat kif ukoll fassal programm ta' xogħol skond it-termini ta' riferenza stabbiliti fil-mozzjoni msemmija hawn fuq.

Il-Kumitat wera x-xewqa li qabel jasal għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu jkun l-ewwel sema x'għandha xi tgħid is-soċjeta' ċivili. Għaldaqstant il-Membri kollha qablu li għandu jkun hemm proċess ta' konsultazzjoni pubblika.

Il-Kumitat għalhekk qiegħed jilqa' l-kontribut ta' kull min hu interessat billi jistieden opinjonijiet, suġġerimenti jew rakkomandazzjonijiet bl-email fuq selectcommittee@parlament.mt jew bil-posta indirizzat lill-Iskrivan tal-Kamra, Kamra tad-Deputati, il-Belt Valletta VLT1115. Peress li l-Kumitat huwa marbut li sal-15 ta' Diċembru jirrapporta lill-Kamra, il-kontribuzzjonijiet għandhom jaslu f'dan l-uffiċċju mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2013.

Il-ħsieb huwa li iktar tard il-Kumitat jorganizza sessjoni apposta biex jisma' direttament gruppi u għaqdiet li jkunu jridu jfissru l-ideat tagħhom dwar il-materja msemmija fil-mozzjoni.

Il-laqgħat ta' dan il-Kumitat Magħżul huma kollha miftuħa għall-pubbliku u jistgħu jiġu segwiti wkoll b'mod dirett minn fuq is-sit tal-Parlament www.parlament.mt.